Lil Ninu Cremona kont spiss niltaqa' miegħu l-Belt f'xi ħanut tal-kafé u spiss kien ikellimni dwar iż-żewġ antoloġiji tal-proża u poeżija tiegħu li kienu qed jiġu stampati fl-Istamperija ta' l-Università. Huwa kien qalli li l-akbar xewqa tiegħu qabel ma jmut kienet li jara x-xogħlijiet tiegħu miġbura f'dawn iż-żewġ kotba. Ix-xewqa tiegħu kien qatagħha u jiena kelli x-xorti li nagħmel studju dwarhom fil-paġna letterarja li kont immexxi.

Għal xi żmien wara s-Sur Nin kien ħajjarni biex napplika ħalli nissieheb fl-Akkademja tal-Malti. Huwa kien qalli li min-naħa tiegħu ma kienx jonqos li jirrakkomandani. Meta nħtart membru Akkademiku kien bagħat jifraħli.

Wara dan lil Cremona ma rajtux iżjed. Kont ili ħafna ma nisma' dwaru. Xi ħadd kien qalli li kien inġabar f'Għawdex ma' xi qraba. Għalhekk xtaqt nisma' aħbaru; imma billi mbagħad kien riesaq għad-disgħin sena tiegħu, ġieni ħsieb li nibgħatlu xi mistoqsijiet dwar il-karriera letterarja tiegħu biex inxandarhom fil-paġna. Huwa kien weġibni u fl-ittra kien qalli hekk·

"Grazzi għall-ittra li għoġbok tibgħatli. Kontra qalbi kelli ninġabar Għawdex u ninfired mill-ħajja ta' Malta minħabba saħħti......"

L-intervista bil-mistoqsijiet tiegħi u t-tweġibiet tiegħu kienet dehret sewwa sew f'għeluq id-disgħin sena fis-27 ta' Mejju, 1970 taħt ir-ras "Niltaqgħu ma' Dr. Anton Cremona."

Wara din l-intervista lil Cremona kont inkellmu bit-telefon fl-uffiċċju tad-DOI t'Għawdex fejn kien imur iqatta' l-ħin ħieles tiegħu. Ngħid is-sewwa kont insibha ħaġa iebsa biex inkellmu minħabba li fl-aħħar jiem ta' ħajtu beda jittarrax xi ftit ukoll. Min-naħa l-oħra hu kien spiss iċempilli biex jagħtini tagħrif dwar l-antoloġiji tiegħu li kienu waslu biex joħorġu. Is-Sur Nin kien tani l-opportunità li nagħmillu r-reċensjoni taż-żewġ kotba ewlenin tiegħu kif ukoll tar-rumanzett "Ktajjen Maqtugħa", "Il-Knisja ta' Sarrija" u d-dramm "Minn Betlem sal-Kalvarju". Milli jidher ir-reċensjonijiet tiegħi kienu jogħġbuh.

Għall-Milied ma kontx nonqos li nibgħatlu x-xewqat ta' l-istaġun li kien iwieġeb għalihom minnufih. Din is-sena għalkemm kien inħakem mill-mard ma naqasx li jibgħatli x-xewqat tiegħu fuq daqsxejn ta' biljett, li dendiltu ma' l-oħrajn li rċevejt.

U meta smajt l-aħbar tal-mewt tiegħu, għajnejja marru fuq dak il-biljett, ħassejt qalbi tingħafas u ma' għajnejja ħassejt demgħa tiżżerżaq bil-mod il-mod.



# Kelmtejn Dwar s-Sur Nin Cremona

**Ta' PAWLU CALLEJA ***

Sirt naf lis-Sur Nin Cremona fl-1919 meta għaddejt għal Spettur Sanitarju u kont appuntat għad-distrett ta' Cottonera fejn kien hemm is-Sur Nin li kellu l-kariga ta' "1st Class Sanitary Inspector." Ħadt il-prattika minn għandu waqt li kont inkarigat mid-distrett tal-Birgu fi żmien li l-Influwenza Spanjola kienet fl-eqqel tagħha; niftakar li s-Sur Nin, bħala mezz personali preventiv kontra l-infezzjoni, kien jieħu kull fil-għodu, qabel jibda x-xogħol, kolazzjon tajjeb, u matul il-ġurnata kien jixrob grokk whisky jew tnejn. Qabel il-Cottonera, is-Sur Nin għamel servizz fid-distrett ta' Raħal Ġdid Tarxien u anki ż-Żejtun: niftakar kien qalli, li mard mhux tas-soltu feġġ fiż-Żejtun, aktarx ġidri, u waqt is-servizz tiegħu hemmhekk kien ittieħed bil-marda ħafif u dam xi żmien għall-kura fl-isptar ta' Lazzarett. Hemm kienet nibtet ġo fih ġibda lejn il-kotba bil-Malti tant illi kien ittanta jaqleb għall-Malti xi "play" ta' Shakespear.

Fi żmien li kont miegħu fil-Cottonera kont nosserva, li waqt xi ħin liberu huwa kien imur fil-mezzanin fuq Santa Margherita, Bormla, fejn kellu r-residenza bħala Spettur tas-Sanità, u joqgħod iqalleb il-kotba li kellu u jikteb fuq il-folklore Malti u jikkorrispondi ma' għaqdiet u dilettanti tal-folklore f'Malta u fl-esteru.

Meta twaqqfet il-klassi ġdida imsejħa "tal-prima" għall-ispetturi Sanitarji fil-bidu ta' l-1900, is-Sur Nin kien magħżul minn ta' l-ewwel wara eżami minn 'outsiders' biex jieħu din il-kariga li kienet teħtieġ training speċjali fl-Ingilterra. Hu mar Liverpool fejn dam kważi sena.

Matul ħdax-il sena li niftakru fis-Sanità, is-Sur Nin kien dejjem minn ta' quddiem biex jaqbeż għal sħabu l-Ispetturi, għall-miljorament ta' kondizzjonijiet li fihom kienu jaħdmu. Nista' nsejjaħ lis-Sur Nin bħala promotur għall-għaqda tas-"Sanitary Inspectors Association" li ffurmat ruħha xi snin wara li ħalla d-dipartiment tas-Sanità. Allura kien trasferit għal dipartiment ieħor tal-Gvern biex jagħmel xogħol ta' editur tal-Malti fl-istamperija tal-Gvern.

Ta' min isemmi li fost ħafna memorji li ħallielna bil-miktub, irid ikun hemm storja dokumentata ta' kif sviluppa ruħu d-dipartiment tas-Sanità minn taħt il-Pulizija għal kif inhu llum.

*Is-Sur Pawlu Calleja, illum irtirat bil-pensjoni, kien Chief Sanitary Inspector, u kien jaf mill-qrib ħafna lis-Sur Nin Cremona. Nota ta' l-Editur.